

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-15 ta' Lulju 2010 (Każ R 1638/2008-4) hija annullata.*
- (2) *L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk ta' Dosenbach Ochsner AG Schuhe und Sport.*
- (3) *Sisma SpA għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

(¹) ĠU C 317, 20.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2 ta' Frar 2012 — Almunia Textil vs UASI — FIBA-Europe (EuroBasket)

(Kawża T-596/10) (¹)

(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trademark Komunitarja verbali EuroBasket — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti Basket — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)

(2012/C 80/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Almunia Textil, SA (La Almunia de Doña Godina, Spanja) (rappreżentant: J.E. Astiz Suárez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Manea, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: FIBA-Europe eV (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Hogh Holub, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Ottubru 2010 (Każ R 280/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Almunia Textil, SA u FIBA-Europe eV.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Almunia Textil, SA, għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u minn FIBA-Europe eV, inkluż, f'dak li jikkonċerna din tal-aħħar, l-ispejjeż indispensabbli sostnuti għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.*

(¹) ĠU C 80, 12.03.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Frar 2012 — Run2Day Franchise BV vs UASI — Runners Point (Run2)

(Kawża T-64/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Run2 — Trade marks Komunitarji verbali u figurattiva preċedenti RUN2DAY — Trade mark Benelux figurattiva preċedenti RUN2DATE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 80/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Run2Day Franchise BV (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: H. Koenraad, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Runners Point Warenhandels GmbH (Recklinghausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Prange, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Novembru 2010 (Każ R 349/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Run2Day Franchise BV u Runners Point Warenhandels GmbH.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-11 ta' Novembru 2010 (Każ R 349/2010-1) hija annullata.*
- (2) *L-UASI u Runners Point Warenhandels GmbH għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti minn Run2Day Franchise BV.*

(¹) ĠU C 89, 19.03.2011.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Jannar 2012 — Groupe Partouche vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-315/10) (¹)

(“Rikors għal annullament — Konċentrazzjonijiet — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni — Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali — Inammissibbiltà”)

(2012/C 80/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Groupe Partouche (Pariġi, Franza) (rappreżentant: J.-J. Sebag, avukat)